# *QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)*

## Magistrat: Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag. Jur. (Eur. Law)

***Drogi 132/01***

***Il-Pulizija***
***Supt. Nicholas Ciappara***
***vs***
***Antoine Debattista***

Illum 05 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,

Rat - Semghet - Ikkunsidrat;

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Antoine Debattista huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza tal-cannabis u **Traffikar** tal-istess – *rifferibbilment ghas-16 ta' Jannar 2000 u matul is-sitt xhur qabel din id-data*.

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta li, waqt roadblock li saret fis-16 ta' Jannar 2000 ghal habta tal-10.00 pm. fejn il-mina ta'Hal Kirkop, saret tficcija go vettura misjuqa mill-imputat, bir-rizultat li fis-*sunvisor* tal-vettura instabet bicca raza tal-cannabis mgezwra go foil. Fil-karrozza kien hemm ukoll zaghzugh iehor.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija l-imputat stqarr li dik il-bicca raza kienet tieghu u kien xtraha minn Paceville. Huwa qal li kien ghamel *'joint'* u qassmu maz-zaghzugh l-iehor. L-imputat stqarr li dawn l-ahhar

xaharejn huwa u dak iz-zaghzugh gieghli qassmu d-droga flimkien, il-bicca l-kbira pero il-*joints* li kienu jaqsum kien jghamilhom l-imputat, izda gieghli ghamilhom iz-zaghazugh l-iehor mill-blokka tal-imputat.

Illi pero' fid-deposizjoni taghhom quddiem din il-Qorti kemm l-imputat kif ukoll iz-zaghzugh l-iehor, **xehedu li r-raza kienu xtrawha flimkien** u pejjpu l-joints minnha flimkien. Fid-deposizjoni tieghu l-imputat spjega li d-droga kienu jixtruwa flimkien bil-flus tat-tnejn.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi l-prosekuzjoni qeda tibbaza l-kaz taghha principalment fuq il-kontenut tal-istqarrija tal-imputat; izda din l-element ta' prova, in kwantu jirrigwarda r-reat ta' **Traffikar**, jinsab indebolit serjament, kemm in vista tad-deposizjoni guramentata tal-imputat, kif ukoll, u *multo magis* mill-kontenut tad-deposizjoni tax-xhud principali tal-prosekuzjoni u cioe' z-zaghzugh l-iehor.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li, filwaqt li l-ewwel akkuza giet provata sodisfacentement skond il-ligi, it-tieni akkuza ma tistax treggi fuq il-provi li hemm.

***Piena***

Illi in propositu ghall-piena il-Qorti, wara li rat il-**fedina penali netta** tal-imputat **u** avut rigward tat-tip ta' droga involuta, hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ghandha takkorda lill-imputat il-beneficju tal-liberta' kondizzjonata.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati skond l-ewwel akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39; izda ***tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena*** skond l-Artikolu 9 tal-Kap.152.

Ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

Il-Qorti hi tal-fehma li dan il-kaz m' ghandux jippregudika l-impieg tal-imputat, u tghamel rakkomandazzjoni f' dan is-sens lill-imghallem tieghu.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***